MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 19/2007

Il-Pulizija

Vs

Alex Spiteri

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-hmistax ta’ Marzu 2005, u matul ix-xhur ta’ qabel b’diversi azzjonijiet maghmula anke jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:
a. Ipprokura, biegh jew xort’ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Canbnabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza;

b. fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kkommetta l-imsemmi reat kriminali fi/jew gewwa distanza ta' mitt

metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew centru taz-zaghzagh jew;

c. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza; liema droga nstabet f'cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu personali tieghu;

d. fil-hmistax ta' Marzu 2005 u fl-ghaxar snin ta' qabel din d-data f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 8(a)(b) u 22(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha kif minu ammessi w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn (2) u li jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti fl-ammont komplessiv ta' tmenin lira w tmienja w tletin centezmu (LM80.38c) u dan fi zmien tlett (3) xhur u fin-nuqqas jigu awtomatikament konvertiti f'sittax (16) il-jum prigunerija addizzjonali.
Il-Qorti tat ir-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghtu kull ghajnuna relattiva li talvolta jista' jkollu bzonn l-istess appellat.

Finalment ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga esibita bhala dokument KB 52/05 u ghalhekk ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li l-istess Registratur Tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax il-jum mill-lum u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tnejn u ghoxrin ta' Dicembru, 2006 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Anthony Joseph Portelli".

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-30 ta' Jannar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma

s-sejbien ta' htija, l-piena ta' sentejn prigunerija w l-ispejjez izda izzid mal-piena l-multa relattiva skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa, fil-qosor, is-segwenti w cioe' :- li meta l-Ewwel Qorti, fuq ammissjoni, sabet il-htija w imponiet piena ta' sentejn prigunerija, ma mponietx ukoll skond l-art. 22(2) (b) (1) tal-Kap.101, multa ta' bejn mitejn lira w hamest elef lira Maltin, kif suppost ghamlet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tal-lum li bih l-appellat aderixxa mat-talba kontenuta fir-rikors tal-appell.

Ikkonsidrat;

Illi l-appellat ammetta w instab hati ta' diversi reati konnessi mad-droga, fosthom dawk ta' traffikar tar raza mehuda mill-pjanta Cannabis bl-aggravju li ghamel dan f' distanza ta' inqas minn mitt metru mill-perimetru ta' skola, club, jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh, pussess tal-istess raza tal-Cannabis f' cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu. Illi l-piena mandatorja skond l-artikolu 22(2) (b) (i) tal-Kap.101 ghal dawn ir-reati hija dik ta' prigunerija ta' mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin prigunerija u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira izda mhux izjed minn hamest elef lira Maltin.

Mill-kliem tal-ligi ghalhekk jidher car li l-piena karcerarja mhix wahda alternattiva ghal dik pekunjarja imma trid tinghata kemm piena karcerarja kif ukoll il-piena pekunjarja tal-multa.

Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jidher pjenament gustifikat.

Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali w tirrifiorma s-sentenza appellata billi, fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha, u tal-aggravju fuq imsemmi, dedotti kontra tieghu, kif ukoll fejn ikkunndannatu ghall-piena karcerarja ta’ sentejn u fejn ikkundannat lill-appellat ihallas l-ispejjez tal-perizji fl-ammont komplessiv ta’ LM80.38c u dan fi zmien tliett xhur u, fin-nuqqas, jigu awtomatikament konvertiti f’ sittax il-jum prigunerija addizzjonali, kif ukoll fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita; tvarjaha billi ma dan kollu tikkunndanna lill-appellat ghall-piena ta’ multa ta’ mitejn lira Maltin (LM200), li, jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu awtomatikament konvertiti f’ terminu ulterjuri ta’ erbghin (40) jum prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------